# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 18

**It-Tnejn, 27 ta' April, 2020**

Minħabba l-miżuri relatati mal-Covid 19, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ltaqa' permezz ta' onlajn chat, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Joseph Farrugia Is-Sindku

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi sindku fin-nuqqas tas-Sur Sindku,  ippresjeda

## Minuti

## 18.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.01.01 Il-viċi Sindku flimkien mal-kunsilliera kollha preżenti, approvaw in-nuqqas tal-presenza tas-Sur Sindku.

## 18.02 Approvazzjoni tal-Minuti (Numru 17)

18.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-Minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (17). Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ) sabiex vers numru 17.04 titneħħa r-referenza tal-każin bħala 'tal-Ajkla' u minflok titniżżel bħala *'is-sede tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-ktajjen'.* Korrezzjoni oħra kienet li l-aħħar vers ta' dan il-paragrafu għandu jinbidel u minfok jingħad: *'Jekk ikun hemm bżonn li jsir fuq iz-zuntier tal-knisja, ikun hemm bżonn il-permess tal-knisja'.*

## 18.03 Skeda ta' pagamenti

18.03.01 Skeda ta' pagament bin-numru (Skeda 04/20) li tkopri xiri u pagamenti bejn id- 19 ta' Marzu u l-24 t' April, 2020. Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ), sabiex jiġi klarifikat il-ħlas f'vers numru (21) li jappartjeni mal-iskola, li fiċ-ċirkostanzi preżenti l-iskejjel jinsabu magħluqa. Għandu wkoll ikun klarifikat vers numru (43), jekk dawn il-ħlasijiet humiex marbuta ma' xiri ta' żebgħa, jew servizz? Jekk jikkonċerna servizz, minn min ingħata dan is-servizz?* Vers (21) il-ħlas jasal sa 12 ta' Marzu, sal-għeluq tal-iskejjel, filwaqt li vers (43) kien xiri ta' żebgħa ta' 25 kg. Il-proponent ta' din l-iskeda kien il-kunsillier (JB), sekondat mill-kunsillier (JBD).

## 18.04 Rapport tal-ewwel kwart tas-sena u baġit għas-sena 2020

18.04.01 Il-membri kollha tal-Kunsill approvaw u wrew il-fiduċja li dan huwa rapport professjonali. Għaldaqstant il-proponent kienet il-kunsillier (MM), sekondata mill-kunsillier (SZ)

## 18.05 Approvazzjoni tal-evalwazzjoni fuq it-tender tal-latrini pubbliċi

18.05.01 Waqt id-diskussjoni għall-approvazzjoni, tqajjem punt mill-kunsillier (JB) illi waqt il-perjodu ta' 48 xhar marbuta ma' dan it-tender, għandu mnejn waħda mil-latrini, dik li tinsab fl-area magħrufa ta' San Ġorġ, jaf isir żvilupp ta' kostruzzjoni. Għaldaqstant huwa staqsa, jekk matul dak il-perjodu l-ħlas jibqax dovut jew le. Dan il-punt wassal sabiex it-tender f'dan l-istadju ma jkunx approvat waqt din is-seduta u din il-mistoqsija għandha tiġi rreferuta lil maniġer tal-kuntratti fi ħdan il-Kunsill.*

**18.03 -Sakemm inkitbu dawn il-minuti, dawn il-punti kienu klarifikati*
**18.05- Sakemm inkitbu dawn il-minuti, il-maniġer kien wieġeb li għandna nieħdu parir legali, jew inkella l-kuntratt nagħmluh sena, sena. Ir-risposta tal-parir legali nbagħtet lil Avukat Bugeja, u sa dan il-ħin, kienet għadha ma waslitx*

## 18.06 Il-Parkeġġ tad-dgħajjes (jinkludi wkoll talba għall-estenzjoni għal wara x-xahar ta' Mejju)

18.06.01 Punt li tqajjem waqt din is-seduta huwa li fil-preżent il-baħar huwa miftuħ u għaldaqstant is-sidien ta' dawn id-dgħajjes jistgħu jniżżlu l-opri tagħhom. Għalkemm il-parkeġġ fl-istaġun tas-sajf l-aktar li jintuża minn klijenti tar-ristoranti tal-madwar u fil-preżent ir-ristoranti jinsabu magħluqin minħabba l-pandemija, sar qbiel illi jkun aħjar jekk dan il-permess ma jkunx imġedded wara x-xahar ta' Mejju. Il-kunsillier (CS) stqarr li għalkemm il-baħar fil-preżent huwa miftuħ, l-insurances għadhom magħluqa. Il-kunsillier (JB) saħaq li s-sidien ta' dawn id-dgħajjes ħafna minnhom mhumiex residenti minn Birżebbuġa u għaldaqstant jaqbel li dawn għandhom jitneħħew sal-aħħar ta' Mejju. Il-kunsillier (CS) qal li suppost naħa minnhom qiegħda għall-parkeġġ tal-karozzi, iżda dil-ġimgħa stess żdied caravan ieħor. Il-kunsillier (SZ) kompla billi stqarr li dil-ġimgħa ser jagħmel follow-up mall-ispettur tal-pulizija fuq dan il-każ. Fir-rigward tal-caravan, l-għaqda għandha l-kameras u jkun faċli għalija li titraċċa lis-sid. Il-kunsillier (JBD) staqsiet li waqt laqgħa li hi kienet preżenti, l-għaqda talbet xi dwal. Il-kunsillier (CS) kompla fuq dan il-punt li s-segretarju tal-għaqda staqsieh jekk jistawx jikommunikawh mas-sub-meter mal-latrina, filwaqt li kienu lesti li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż. Il-kunsillier (SZ) wieġbu li din tista' ssir, iżda hija ħaġa illegali li ssir. Fuq dan il-punt il-kunsillier (CS) talab lis-segretarju eżekuttiv li jirrimarka li mhux ser jingħata l-ebda permess għal dwal. Il-kunsillier (SZ) iċċara din is-sitwazzjoni fejn wieġeb lil kunsillier (CS) li ma jistax isir sub meter biex iqabbad radju miegħu, però nistgħu nżiedu dwal fuq l-istreet lightning. Huwa kompla li jekk fil-kas nitkellmu u nagħmlu u jiġi installat arblu tad-dawl ieħor. Il-kunsillier (CS) qal li ser jerġa' jkellem lill-għaqda sabiex jikkonferma eżattament din it-talba għal xix inhi meħtieġa. Il-kunsillier (JB) xtaq ikun jaf ukoll, il-meter tal-latrina fuq min jaqra. Il-kunsillier (AC) kompla tkellem fuq iż-żewġt dgħajjes li hemm mejta f'din iż-żona. Meta ġie avviċinat mill-Cleansing department, dawn stqarrew li għadhom jistennew ittra mingħand l-ispettur tal-pulizija, sabiex ikunu jistgħu jitneħħew. Sadattant kellna wkoll konferma mill-ispettur li fuq dawn id-dgħajjes hemm każ miftuħ il-Qorti u għaldaqstant, dawn ma jistawx jintmessu qabel id-deċiżjoni mil-Qorti.

## 18.07 Il-Monti

18.07.01 Waqt is-seduta ssemmgħa l-każ ta' bejjiegħ li għandu permess li jarma fuq il-Monti. Dan bagħat ittra reġistrata lil Kunsill, fejn fil-preżent bil-Covid-19, il-Monti ma jistax jarma'. Però ġara li riċenti waqt li kien għaddej mill-post, innota li Transport Malta ħarġet permess lil bejjiegħ tal-ħaxix li għandu l-ħanut fil-qrib, fuq il-lok abbonat miegħu. Dal-bejjiegħ tal-ħaxix jarma' kull nhar ta' Ħamis, kantuniera ma' Triq San Mikiel. Il-kunsillier (CS) stqarr li hu tkellem ma' dan il-bejjiegħ tal-ħaxix u qallu li hu lest li dakinhar tal-Monti, ma jarmax u jċedi postu lil dan il-bejjiegħ. Il-kunsillier (AC) qal li llum irċieva telefonata mill-Awtorità tat-Trasport (TM) fuq din il-kwistjoni. Il-kunsillier (CS) qal li ser jerġa' jkellem lil dan il-bejjiegħ tal-ħaxix u ser jgħidlu sabiex jibgħat dikjarazzjoni bil-miktub lil Kunsill li hu lest li jċedi dan il-lok fil-ġurnata li jarma' l-Monti. Il-kunsillier (AC) stqarr li dan il-permess ħarġuh TM mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill. Għaldaqstant, il-Kunsill qiegħed jistenna l-ittra bil-miktub min-naħa tal-kunsillier (CS), sabiex jitlob lil TM tirranġa t-tabella kif meħtieġ.

18.07.02 Il-viċi Sindku staqsa peress li issa tqiegħdu l-qsari bil-fjuri fuq il-bankina, fejn ser ippoġġu l-vettura tagħhom il-bejjiegħa waqt li l-Monti jkun armat? Il-kunsillier (MM) wieġbet

li l-importanti li l-bejjiegħa ma jċaqalqux il-qsari, huma jistgħu jagħmlu dan billi jqiegħdu l-vetturi fit-toroq tal-ġnub, in-naħa tal-Pet Shop. Il-kunsillier (JB) weġibha li dawk in-naħat diġà qed jiġu użati. Il-kunsillier (SZ) staqsa jekk fir-rigward il-parkeġġ tal-vetturi tal-bejjiegħa, kienx hemm min ressaq l-ilment jew jekk hux il-Kunsill qed iqajjem dan il-punt. Il-viċi wieġeb li din kienet mistoqsija li ttelgħat fuq il-facebook tal-Kunsill. Il-kunsillier (SZ) issuġġerrixa li niltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Monti u mbagħad nimxu minn hemm hekk. Għaldaqstant, il-viċi Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex torganizzalhom laqgħa mar-rappreżentant tal-Monti, fi ħdan il-General Workers Union. Il-kunsillier (JB) staqsa kemm għandna qsari mħawla. Il-kunsillier (MM) weġbitu li għandna 54 qasrija, 27 fuq kull naħa tal-bankina minn Triq San Ġorġ.

## 18.08 Approvazzjoni għal xiri ta' siġar tal-Palm

18.08.01 Il-kunsillier (MM) tkellmet u qallet li hemm żewġt konki vojta, waħda ħdejn ir-restorant Al Fresco u oħra ħdejn il-kappella ta' San Ġorġ. Skont kwota li rnexxielha ġġib għal xiri ta' siġar tal-Palm, dawn jammontaw 'l fuq minn €500.00 il-waħda. Il-kunsillier (SZ) ġibdilha wkoll l-attenzjoni illi fejn qabel kien hemm il-poster tar-ramel, kien hemm konka magħluqa bil-madum u li jaqbel li niftħuha. Il-kunsilliera dehru li dan il-prezz huwa ogħli wisq, speċjalment jekk is-siġra tal-Palm tkun siġra matura. Il-Kunsillier (MM) stqarret li qed tipprova ġġib sponsor mingħand l-Enemed, filwaqt li tar-restorant kien lest li jħallas nofs il-prezz ta' waħda minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerrit li qabel għanda ssir konsultazzjoni mad-Divizjoni tal-Plant Health minħabba l-Bumunqar l-aħmar, filwaqt li l-kunsillier (MM) għandha wkoll tiċċekja mal-Mixtla tal-Gvern forsi jbiegħu bi prezzijiet irħas.

## 18.09 Proġetti pendenti

18.09.01 Il-kunsillier (JB) staqsa dwar il-proġett tal-Brolli, jekk hux il-ħsieb tagħna sabiex nagħmlu d-dranaġġ. Il-kunsillier (AC) innotifikah illi l-Ġimgħa ta' qabel hu kien kellem lil Infrastructure Malta u qallulu li mhux huma ser jagħmluh. (AC) bagħat ukoll li Water Services Corporation, iżda sal-lum għadu bla risposta.

18.09.02 Issemgħa wkoll is-Sacred Heart promenade u l-biċċa ta' San Ġorġ sabiex inkompluh. Il-kunsillier (SZ) ser ikun qiegħed jieħu ħsieb.

18.09.03 Il-kunsillier (AC) għal darba oħra reġgħa qanqal id-diskussjoni fuq l-automatic barriers. Fil-ġranet li ġejjien ser ikun qiegħed jissupplixa tliet kwoti għal dan il-proġett.

18.09.04 Il-kunsillier (SZ) issuġġerixxa li l-monument tat-tifla bil-ħammiema jsir fir-roundabout tal-pjazza ta' quddiem il-knisja. Dan għandu jservi ta' ringrazzjament lir-residenti Birżebbuġin tas-sagrifiċju li qegħdin jagħmlu waqt din il-pandemija.

18.09.05 Il-kunsillier (SZ) spjega dwar il-laqgħa li huwa kellu mal-pulizija fir-rigward li tinħoloq Community Policing Service ġewwa l-lokal. Intlaħaq ftehim bejn il-kunsilliera li għal dan il-għan, il-kunsill ser ikun jassisti billi joffri nofs is-Sala tal-Kunsill għal dan is-servizz. Għaldaqstant ġie miftiehem li ssir laqgħa virtwali mal-pulizija, it-Tnejn 11 ta' Mejju, sabiex ikunu jistgħu jispjegaw dan il-proġett li qiegħed iħalli l-frott tiegħu fil-lokalità tal-Mellieħa. Il-

kunsillier (SZ) kompla billi fiehem li dan il-proġett ser ikun konġunt mal-lokalità ta' Marsaxlokk, fejn ix-Xlukkajri ser ikunu qegħdin joffru lil pulizija l-uffiċċju amministrattiv.

18.09.06 Il-kunsillier (AC) reġġħa qajjem id-diskussjoni fuq il-moviment tal-istage tat-trasport pubbliku, minn quddiem iċ-Cherries għal quddiem l-ex każin tan-Nazzjonalisti. Intlaħaq ftehim għal moviment ta' dan l-istage.

## 18.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.10.01 Il-laqgħa aġġornat fid-disgħa u għaxar minuti. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju, fis-sitta ta' filgħaxija. Skont is-sitwazzjoni kif tkun dak iż-żmien, minħabba l-Covid 19, fil-qarib ttieħed deċiżjoni jekk din is-seduta ssirx ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, jew onlajn.

**IFFIRMATA**
__________________________
Joseph Farrugia
Sindku

**IFFIRMATA**
__________________________
Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv